# IL-KNISJA SAN ANTON ABBATI FIX-XAGĦRA GĦAWDEX

## STORJA TA' TWELID TA' PARROĊĊA

Kitba u riċerka minn **Dr Joseph Mangani**
Ħajr lill-persuni kollha msemmija bħala awturi oħra f'din il-kitba

IT-TIENI PARTI

**Iż-żjara pastorali tal-Isqof Baldassare Cagliares f'Xagħret l-Għażżenin, 1615**

Victor Galea u Dr Joseph Bezzina (5) jirreferu għal żjara pastorali mill-Isqof Baldassare Cagliares li saret fit-18 ta' Mejju 1615. Fost il-kappelli li żar ġewwa x-Xagħra tissemma' l-Kappella Sant'Anton Abbati f'Xagħret l-Għażżenin. Fl-1618, Cagliares sab il-kappella ta' Sant'Anton Abbati mitluqa ħafna: reġgħet bla bieb u l-art miksija ħmieġ tan-nagħaġ u l-mogħoż li kienu jfittxu ftit kenn fiha. Kif semmejna, il-merħliet kienu ħielsa ħafna u kellhom xagħra sħiħa fuq xiex jirgħu imma fis-seklu sbatax, bil-popolazzjoni dejjem tikber, anki l-komunità ta' madwar Sant'Anton bdiet tintefa' aktar fuq il-biedja.



*Ritratt Caroline Busuttil ta mudell tal-Kappella Sant'Anton Abbati kif kienet fl-1601, Xagħret l-Għażżenin*
*Fil-website: http://www.kappellimaltin.com/Il-Kappelli/Sett10/XRA_S_Anton_Abbati/xra_s_anton_abbati.html*

**Iċ-Ċensiment mill-Arċipriet tal-Matriċi fir-Rabat, 1667**

Il-kittieb Victor J. Galea (6) jgħid li f'ċensiment tal-1667 jingħad li fix-Xagħra kienu jgħixu b'mod permanenti 344 ruħ f'erbgħa u sebgħin każata (dar). Minn dawn, il-maġġoranza, 63 dar, kienet tgħix f'Xagħret l-Għażżenin (madwar Sant'Anton Abbati). Il-bqija, 11-il dar biss kienu lejn Marsalforn.

Dan iċ-ċensiment kien sar mill-Arċipriet tal-Matriċi, Santa Marija fil-Kastell, għax milli jidher kien intebaħ li l-Isqof Molina kien diġà qed jikkonsidra li diversi nħawi jew irħula żgħar kienu jinqatgħu bħala parroċċi għalihom (kif fil-fatt seħħ, ftit snin wara). Bil-ħolqien ta' dawn il-parroċċi, l-Arċipriet seta' jobsor li kien se jitlef mid-dħul li dawn il-parruċċani kienu obbligati jgħaddu lilu ta' kull sena. Dan id-dħul kien jissejjaħ fermizzi (għotjiet lill-knisja) li kien jikkonsisti minn tal-anqas mill-għexur tal-primizji (ħxejjex, annimali u frott ieħor tal-biedja). Dwar il-bdiewa u r-raħħala tax-Xagħra, iċ-ċensiment jitkellem dwar sittax-il massar, sitt ġardinara, tmienja u erbgħin povru u tliet romol (nisa). Il-massara kienu dawk li kellhom il-gniedes tal-ħart, il-ġardinara kienu l-bdiewa tar-raba' saqwi qrib l-għejjun; il-povri (mhux tallaba) imma dawk li kienu jaħdmu bil-ġurnata u għalhekk prekarji għax mhux dejjem kien ikun hemm xogħol għalihom. Ta' min jgħid li l-massara ma kinux jużaw il-gendus biss, biex jaħrat l-art u jidres il-qamħ u x-xgħir, l-aktar fuq il-bagħli, imma wkoll biex b'karrettuni kbar jinġarr ġebel kbir u żgħir biex jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ, djar u giren, kemm dawk mibnija ħielsa dawramejt (*free-standing*) imma wkoll dawk inkorporati fl-istess ħitan tas-sejjieħ. Dawn tal-aħħar, b'differenza mill-giren Maltin, huma aktar komuni f'Għawdex. Waħda minn dawn il-giren għadha *tale quale* fl-inħawi ta' Għajn Xejba.



*Girna mibnija koppla u ingastata f'ħajt tas-sejjieħ qrib Għajn Xejba*

Skont il-kittieb Ċensu Mifsud Bonnici (1870-1929), il-massara bħala fermizzi kienu obbligati jagħtu lill-Matriċi mill-inqas nofs tomna qamħ, nofs tomna xgħir, u

oħrajn. Dan għal min kellu gendus wieħed. Kien hemm, imbagħad, kwota akbar għal min kellu aktar minn gendus/baqra waħda.



*Il-gendus kien jintuża għall-ħart u ġarr ta' ġebel https://www.google.com.mt/search?q=ox&tbm=isch&tbo=u&source=univ&sa=X&ved=0ahUKEwihzJ-R_vzXAhWKuRQKHdabA_cQiR4IpwE&biw=1366&b*

Mal-fermizzi, imbagħad wieħed kien irid jikkonsidra li l-Ordni tal-Kavallieri kienu daħħlu taxxa fuq il-prodotti tal-biedja b'liema dħul il-Kavallieri kienu jżommu l-għassa fuq ix-xtut. Mhux ċar x'kienu l-fermizzi tal-ġardinara imma wieħed jista' jikkonkludi li dawn kienu ta' kuljum jassiguraw ħxejjex friski lill-Matriċi. Min-naħa l-oħra, il-povri (prekarji jew tal-ġurnata) kellhom obbligi fissi ta' ħlas fi flus kontanti li ma kinux żgħar. Dawn il-piżijiet kienu tqal ħafna u x-Xagħrin kellhom it-tama li jekk jinqatgħu parroċċa għalihom, il-qagħda soċjali tagħhom titjieb.

Ta' min jgħid li fil-każ tal-massara, il-fermizzi tant kienu ibsin li ftit ftit il-gendus beda jinqata' u floku beda jidħol il-bagħal (li fuqu kien hemm inqas fermizzi).

Dan kollu beda jwassal biex il-komunità stabilita ta' Xagħret l-Għażżenin tkun qagħda tajba biex tagħmel pressjoni fuq l-Isqof Molina biex jinqatgħu bħala parroċċi għalihom. Il-komunità madwar Sant'Anton kienet madwar 300 ruħ. Din it-talba bdiet issir billi n-nies tal-irħula bdew iħossuhom issikkati wisq mill-ħlas tal-fermizzi (li semmejna) lill-Matriċi. Barra dan, is-servizz reliġjuż speċjalment dak obbligatorju skont ir-rit trentin, kien qed iwassal għal tbatija kbira. Il-quddies u servizzi oħra ftit li xejn kienu jsiru fil-kappelli f'tal-Qaċċa/Xagħret l-Għażżenin). Molina jikkwota rikors li għamlu rappreżentanti minn tal-Qaċċa/Xagħret l-Għażżenin fejn jilmentaw bil-kbir kif ta' kull nhar ta' Ħadd kellhom ta' bilfors, maltemp u mhux, jinżlu r-Rabat għall-quddies u matul is-sena għal kważi kull servizz ieħor marbut mar-Reliġjon Kattolika. Huwa rrapportat li l-komunità ta' Xagħret l-Għażżenin saħansitra ma kellhomx ħwejjeġ adattati biżżejjed biex jinżlu kollha flimkien lejn ir-Rabat għall-quddies. Jingħad fir-rikors lill-Isqof Molina, li fil-fatt ix-Xagħrin kienu jitqassmu f'minn tal-inqas żewġ gruppi u hekk kif jitla' lura mir-Rabat l-ewwel grupp ibiddel ħwejġu (qomos, qliezet, żraben, dbielet, eċċ) mat-tieni grupp, u wara jinżlu dawn tal-aħħar għal quddiesa oħra ġewwa r-Rabat.

**Id-digriet tal-Isqof Davide Cocco Palmeri, 1688**

Dan kollu wassal biex is-suċċessur tal-Isqof Mikiel Molina, fit-28 t'April 1688, l-Isqof Davide Cocco Palmeri nieda digriet fejn iddikjara x-Xagħra parroċċa b'Sant'Anton bħala sede tal-obbligi pastorali tal-komunità tax-Xagħra (7). Fil-5 ta' Ġunju 1688, tpoġġa s-Sagrament Imqaddes fit-tabernaklu fuq l-artal tal-Knisja ta' Sant'Anton Abbati. Fl-att pubbliku notarili, il-kappillan il-ġdid Dun Bernard Formosa kien marbut, iżda, li jieħu ħsieb biex malajr tinbena knisja akbar għall-komunità li dejjem kienet tikber. Infatti, fi żmien erba' snin (1692) mhux biss kien beda x-xogħol fuq il-bini tal-knisja l-ġdida imma kienet tlestiet is-sagristija fejn kien hemm spazju biżżejjed biex jibda s-servizz reliġjuż. Dik is-sena sar it-trasferiment tas-sede minn Sant'Anton għall-knisja l-ġdida. Għal erba' xhur il-knisja-parroċċa ġdida kienet iddedikata lill-Madonna tal-Grazzji (flok għal Sant'Anton Abbati) imma mbagħad id-dedika nbidlet għat-Twelid tal-Madonna (Marija Bambina). B'hekk il-knisja ta' Sant'Anton, għal perjodu qasir imma importanti ħafna, kellha x-xorti li twelled il-parroċċa ġdida tax-Xagħra, u tidħol fl-istorja tax-Xagħra, t'Għawdex u ta' Malta.



*Il-fdalijiet tal-kappella l-qadima ta' Sant'Anton, li parzjalment kienet waqgħet fl-aħħar gwerra u dak li ġie salvat billi sab postu fil-ġnien tal-istess knisja*